MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 899/2009

**Bitmac (Works) Limited (C15559)**

**Vs**

**Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ppresentat mis-socjeta' attrici fit-18 ta' Settembru, 2009, li *in forza* taghha, wara li ppremettiet :

1. Illi s-socjetà attrici hija kreditrici tal-Awtorità konvenuta fl-ammont ta' hamsa u hamsin elf sitt mija sebgha u tmenin euro u ghoxrin centezmu (€55,687.20) rapprezentanti bilanc ta' *retention monies* dovuti minnha lis-socjetà attrici in konnessjoni ma' xogholijiet li gew ezegwiti mis-socjetà attrici fuq inkarigu ta' l-istess Awtorità konvenuta f'Tal-Handaq in ezekuzzjoni ta' tender mirbuh

mill-attrici u liema tender igib ir-referenza CT2158/01, RD 90/2001 u Mriehel in ezekuzzjoni ta’ tender mirbuh mill-attrici u liema tender igib ir-referenza CT2124/01, RD104/2000 u dana kif jirrizulta mill-annessi invoices u certifikati peritali (Dok. ‘BIT1’ sa ‘BIT4’).

2. Illi l-ammont mitlub jinsab debitament certifikat mill-periti tal-istess Awtorità konvenuta;

3. Illi l-imsemmi ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut u, fil-fehma ta’ l-attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh, billi fil-fehma ta’ l-istess attrici, il-konvenuta m’ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghall-hlas ta’ l-imsemmi ammont.

4. Illi ghalkemm il-konvenuta giet interpellata ripetutament sabiex thallas l-imsemmi ammont, anki permezz ta’ ittra ufficjali datata 28 ta’ Lulju 2009, hija baqghet inadempjenti u ma halsitx.

5. Dawn il-fatti huma maghrufa lill-esponenti personalment.

**Raguni tat-Talba**

1. Illi kif digà premess, ghalkemm il-konvenuta giet interpellata ripetutament sabiex thallas l-imsemmi ammont, anki permezz ta’ ittra ufficjali datata 28 ta’ Lulju 2009, hija baqghet inadempjenti u ma halsitx.

2. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza,

Talbet, ghar-ragunijiet premessi, li l-awtorita konvenuta tghid, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni, ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh, ghall-finijiet ta’ l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjetà attrici l-ammont ta’ hamsa u hamsin elf sitt mija sebgha u tmenin euro u ghoxrin centezmu (€55,687.20) rapprezentanti bilanc ta’ *retention monies* dovuti minnha lis-socjetà attrici in konnessjoni ma’ xogholijiet li gew ezegwiti mis-socjetà attrici fuq inkarigu ta’ l-istess Awtorità konvenuta f’Tal-Handaq in ezekuzzjoni ta’ tender mirbuh mill-attrici u liema tender igib ir-referenza CT2158/01, RD 90/2001 u Mriehel in ezekuzzjoni ta’ tender mirbuh mill-attrici u liema tender igib ir-referenza CT2124/01, RD104/2000;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 28 ta’ Lulju 2009, oltre l-imghaxijiet legali sal jum ta’ l-effettiv pagament, kontra l-konvenuta rapprezentanti ta’ liema huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat l-affidavit ta’ Hector Camilleri ghas-socjeta’ attrici u d-dokumenti l-ohra illi gew ipprezentati;

Rat li l-awtorita konvenuta, debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi, baqghet kontumaci u fis-seduta tal-lum, imsejjha tlett darbiet lanqas ma dehret;

Semghet lil Hector Camilleri, ghas-socjeta’ attrici, jiddikjara illi l-awtorita konvenuta baqghet ma hallset xejn;

Peress li, fic-cirkostanzi, t-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat jidhru gustifikati u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata illum stess bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici kif dedotti fir-rikors guramentat, u hekk tikkundanna lill-awtorita konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ hamsa u hamsin elf sitt mija sebgha u tmenin euro u ghoxrin centezmu (€55,687.20) rapprezentanti bilanc ta’ *retention monies* dovuti minnha lis-socjetà attrici in konnessjoni ma’ xogholijiet li gew ezegwiti mis-socjetà attrici fuq inkarigu ta’ l-istess Awtorità konvenuta f’Tal-Handaq in ezekuzzjoni ta’ tender mirbuh mill-attrici u liema tender igib ir-

referenza CT2158/01, RD 90/2001 u Mriehel in ezekuzzjoni ta’ tender mirbuh mill-attrici u liema tender igib ir-referenza CT2124/01, RD104/2000.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kif mitluba kontra l-Awtorita’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------